# SANTU WISTIN
## Bniedem bħali u bħalek

*minn P. Salvinu Caruana*

### Tifel Imqareb

Il-qaddisin ma twildux qaddisin...imma saru qaddisin, jew aħjar Alla riedhom qaddisin għalina! Hek meta jkollna x-xorti li naqraw il-ħajja tagħhom, naraw kemm ma għandniex għax naqtgħu qalbna...Bħalna, jekk mhux ħafna iktar minna, batew sabiex għexu ħajjithom, xi drabi tajba, oħrajn ftit inqas tajba, u xi drabi xi ftit ħażina wkoll.

Fost ħafna bnedmin li twieldu minn familji normali, bħal dawk li nitwieldu fihom aħna, trabba sewwa, bejn wieħed u ieħor bħalna, insibu wkoll ċertu Wistin minn Ippona (illum din il-belt li fiha kien Isqof issemmiet Annaba, u qiegħda ġewwa l-Alġerija). Wistin twieled fis-sena 354 wara Kristu. Missieru kien jismu Patrizju, li kien pagan u ma kienx imqaxqax lanqas. Dan Patrizju ma kienx jemmen, u lanqas ma kien jagħti kas li jħeġġeġ lil ibnu jemmen. Imma fejn kienet tidħol l-iskola kien jissallab sabiex jarah jimxi 'l quddiem u jirnexxi fl-istudju. Huwa u martu lil Wistin, meta rawh li moħħu kien jagħtih, rieduh avukat. Ommu kien jisimha Monika, nisranija minn dawk it-twajbin nett, kemmxejn fidila żżejjed, milli jidher.

Wistin ma kienx mill-merħijin. Kien jitlob lil Alla għal ħaġa waħda! "*U jien ta' tifel li kont bdejt nitolbok, għajnuna u kenn tiegħi, bdejt inħoll irbit ilsieni biex insejjaħlek; jiena ċ-ċkejken kont nitolbok b'ħerqa mhix ċkejkna biex ma tħallihomx isawtuni fl-iskola.*" U kien jinkedd mhux ftit meta: "*...saħansitra l-ġenituri tiegħi li qatt ma riduni ngarrab ħsara, kienu jidħqu bis-swat li naqla', li f'dak iż-żmien kien deni kbir u aħrax għalija.*" Il-logħob kien jogħġbu: "*...u minħabba fih konna neħlu l-kastigi minn dawk li kienu jagħmlu bħalna. Għax il-logħob tal-kbar jissejjaħ negozju, imma dak tat-tfal, li għalihom hu wkoll negozju, jiġi kastigat mill-kbar, u frattant ħadd ma tiġih ħasra għat-tfal jew għall-kbar jew għat-tnejn.*" Mhux għax Wistin kellu xi ħerqa speċjali sabiex jitgħallem, u li kien jiekol il-kotba lanqas: "*għax bħala tifel kont nilgħab u dak il-logħob kien żammni lura fit-tagħlim li kien għad iservini f'logħob ieħor agħar meta nikber.*" U xi ngħidu għal-lingwi? "*Għadni s'issa ma nafx sewwa l-għala ma ħmiltx il-Grieg li tgħallimt fi tfuliti. Imma l-Latin kien jogħġobni...*"

### Żagħżugħ fuq ruħu

Wistin ma kellux eżempji tajbin ħafna minn missieru. Anzi malli ra li ibnu kien qorob il-ħmistax-il sena, iġġennen fuqu u f'kemm ili ngħidlek ħolom kemm kien sejjer ikollu tfal x'ibennen u x'jitkessaħ bihom ta' nannu. Forsi ħolom kemm kienu sejrin ikunu ntelliġenti bħal Wistin. Patrizju kien moħħu biss li ibnu jilħaq avukat u xejn iżjed, seta' għalih jaqleb id-dinja ta' taħt fuq, basta jistudja. Qatt ma għaddielu minn rasu minn x'hiex kien għaddej ibnu fil-ħajja ta' kuljum tiegħu bħala żagħżugħ issa: "*F'dik il-ħajja ta' għażż il-għollieq taż-żina kiber u għola 'l fuq minn rasu u ma kienx hemm id li setgħet tqaċċtu li...anzi darba, jien u ninħasel, dak il-missier ra u ntebaħ li lħaqt daġġ (ġuvni) bis-sinjali taż-żgħożija mqarba fuqi. Huwa stħajjel li minn dak il-ħin stess kien qiegħed jerfa' lil ulied ibnu fuq dirgħajh u b'wiċċu għad-dawl mar jgħid lil ommi, ferħan*



*f'dik is-sakra li biha din id-dinja nsiet lilek, il-ħallieq tagħha...*" Tort tiegħu sa barra ma kienx lanqas. Il-ħażin ma kienx jagħmlu dejjem għall-gost lanqas: "*Kont saħansitra nisraq mill-imħażen u l-mejda tal-ġenituri tiegħi, jew għax imġiegħel minn leblieba għall-ikel, jew biex ikolli x'nagħti lit-tfal l-oħra meta jbiegħuli l-logħob tagħhom...*"

Ommu iva, malajr intebħet x'kien qiegħed jiġri ġewwa binha, imma ftit għenitu wkoll. Hija kienet moħħha sabiex jilħaq u jirnexxi fil-ħajja ta' l-għerf tal-moħħ, iktar milli tal-qalb. Qalb Wistin malajr tħassret, u ommu ta mara twajba u fidila li kienet, ta' spiss kienet twissih sabiex ma jmurx man-nisa ta' oħrajn. Wistin kien jiddieħaq biha kemm jiflaħ għal dan il-kliem. Ta' sittax-il sena biss, meta minn biċċa raħal imbiegħed, huma bagħtuh ġewwa l-belt ta' Kartaġni sabiex jistudja fl-università t'hemmhekk, Wistin sab ruħu f'ħama fond wisq sabiex iżomm fuq saqajh: "*Wasalt f'Kartaġni, u sibt ruħi fost ħafna mħabbiet ħżiena qisni ġo taġen b'żejt jagħli u jfaqqa' madwari.*" Hemm kien hemm fejn wieħed jiddeverti. Imma nilmħu kemm Wistin kien żagħżugħ tajjeb ukoll, meta nifhmu illi fost dak ix-xalar kollu, huwa baqa' jistudja, jimxi dejjem 'il quddiem.

Qatt ma nesa s-sagrifiċċji li kienet tagħmel ommu meta miet missieru: "*...taħriġ li kont qisni qed nixtrih bi flus ommi meta kelli dsatax-il sena u missieri kien diġà sentejn mejjet...*" F'Kartaġni wkoll kellu l-ewwel konverżjoni, jiġifieri meta Wistin qara ċertu ktieb antik u tħeġġeġ sabiex ibiddel ħajtu għall-aħjar ukoll. Hemm kien qara l-Bibbja, imma ma ħalliet fuqu l-ebda mpressjoni għalissà. Biss Wistin imbagħad ġie mkaxkar jidħol f'setta qarrieqa, dik tal-Manikej, li fixkluh xi ftit.

## Wistin patri u qassis

Wistin mexa 'l quddiem sewwa fl-istudju. Kien kiseb isem għalih issa u kien stmat mhux ftit. Ommu ma ħallietu qatt minn taħt għajnejha. Kull fejn kien imur kienet tmur warajh. Meta sar Manikew hija keċċietu 'l barra minn ġewwa darha għax beżgħet li jġibilha s-saħta taħt is-saqaf ta' darha; imma ma telqitux għal għonq it-triq. Beda jgħallem il-filosofija f'Kartaġni, imbagħad f'Ruma u ftit tas-snin wara sabulu post tajjeb fl-università ta' Milan, fl-Italja. Hawnhekk huwa ltaqa' ma' xi nies sewwa, nies għorrief bħalu, imma Nsara. Monika marret hemm ukoll warajh. Hija kienet tmur il-knisja u tisma' l-priedki u t-tagħlim ta' qaddis kbir u għaref kbir ukoll, Sant'Ambroġ, l-isqof tal-post. Ma damitx ma ħajret lil binha wkoll. Wistin issaħħar mill-għerf li bih Sant'Ambroġ kien ifisser il-kliem tal-Kotba Mqaddsa li darba huwa kien qara ta' żagħżugħ u kien stmerrhom. Ried jiltaqa' miegħu, iżda dan kien tant imħabbat illi ma setax isib il-ħin li ried. Ambroġ laqqgħu ma' qassis twajjeb u qaddis ieħor, Simpliċjanu. Dan ħajru jitgħammed. U Wistin hekk għamel nhar il-vġili ta' l-Għid tas-sena 386.

Ommu riedet ittir bil-ferħ. Reġgħu lura lejn l-Afrika, iżda fi triqtha lura hija mardet u mietet ġewwa Ostja, qrib Ruma. Wistin mar fir-raħal fejn twieled u dar missieru biddilha f'kunvent. Hemm għex ħajja tajba ma' oħrajn. Darba minnhom, kienet is-sena 391, huwa kellu bżonn imur Ippona, u huwa u għaddej għadda ġo knisja jinvista. Hemm l-isqof xwejjaħ tal-post, ċertu Valerju, beda jilminta minn saħħtu u li kellu bżonn xi ħadd jgħinu. Malli xi ħadd dawwar rasu lura u ra lil Wistin, il-kelma ġriet. Qabduh u kaxkruh quddiem l-isqof li mill-ewwel ħataf l-okkażjoni! Wistin infexx f'bikja ta' biża' u twerwir quddiem dan il-piż li kienu qegħdin jgħabbuh bih, iżda wkoll waħda ta' ferħ fl-istess ħin. Kien jaf x'kien ifisser li tkun saċerdot qaddej ta' Alla u tal-poplu tiegħu. Imma kulħadd kien jaf x'kien jiswa dan Wistin issa. Barra milli kien għaref kbir, issa kien sar Nisrani wkoll. L-ewwel ħaġa li talab lill-isqof kienet li jħallih ftit xhur fil-kwiet sabiex jistudja l-Bibbja kemm jiflaħ għaliex minnha kienet sejra toħroġ dik il-ħażna ta' għerf u l-qawwa sabiex ikun mexxej u mgħallem tajjeb tal-poplu afdat f'idejh.

## Wistin isqof ragħaj ta' Ippona

Wistin kien wieħed minn dawk li kien ħadha kontra l-qassisin u l-isqfijiet ta' żmienu, li ħafna minnhom tassew ma kienx jistħoqqilhom dan il-ġieħ, kemm minħabba n-nuqqas ta' tagħlim li kellhom, kif ukoll minħabba l-ħajja mtajra li kienu jgħixu x'uħud minnhom. Issa Wistin jaf beka għaliex sab ruħu hu wkoll fl-istess qagħda. Tgħid Alla kien widdbu b'dan il-mod ħelu wkoll, talli kien stmerrhom f'ħajtu? Hekk Wistin issa seta' jagħraf il-perikli kbar u t-toqol

ta' dan l-uffiċċju. Iktar u iktar għaliex imbagħad bħala isqof, kellu taħtu wkoll saċerdoti.

Għal Santu Wistin, mela, id-dmir li naqdu lill-Knisja huwa aspett wieħed ta' dik il-liġi ewlenija ta' l-imħabba li għandha tmexxi l-ħajja u l-ħidma tan-nisrani. Wistin sejħilha, fil-każ tas-saċerdozju: il-ħtieġa tal-qadi tagħna. Dan għandu jseħħ mingħajr heda, u f'umiltà sħiħa. Għalhekk, is-saċerdot, mogħti kollu kemm għall-qadi tal-Knisja ta' Kristu, u tal-poplu tiegħu, m'għandu jaħli l-ebda ħin għalih innifsu. L-isqof (episoopus) huwa l-għassies li jħares mill-għoli, bħalma għassies iħares mill-għoli fuq għalqa tad-dwieli. Għalhekk, ir-ragħaj għandu jmexxi u jħares kull waħda min-nagħaġ tiegħu. Is-saċerdot jew l-isqof, iseħħilhom imexxu daqs kemm ikunu lesti jkunu kollox għall-merħla tagħhom. Wistin fehem tajjeb ħafna l-kont li kien għad irid jagħti lil Alla għal din il-qagħda għolja li fuqha kien jinsab.

Dwar il-vers tas-Salm 127 (126), 1: "Jekk il-Mulej ma jħarisx il-belt, għalxejn jishar il-għassies" huwa kien qal: "Aħna l-għassies tagħkom għaliex hu dmir tagħna li naqdu l-ħtiġijiet tagħkom, iżda mbagħad aħna stess jeħtiġilna niġu mħarsa bħalkom. Aħna bħala rgħajja tagħkom, iżda aħna ninsabu wkoll bħala ngħaġ miexja flimkien magħkom taħt il-ħarsien tar-Ragħaj. Minħabba l-pożizzjoni li ninsabu fiha, aħna bħala mgħallmin tagħkom, iżda ninsabu wkoll flimkien magħkom fl-iskola tas-Surmast ewlieni". Darb'oħra qed qal: "Il-qagħda 'l fuq minnkom li jiena ninsab fiha tkexkixni, iżda dik li naqsam magħkom tfarraġni. Jiena isqof imqiegħed fuqkom, iżda flimkien magħkom jiena Nisrani."

"Aħna veru li nagħmlu ħilitna kollha sabiex inħarsukom, iżda kull ħidma tagħna tisfa' għalxejn jekk ma jħariskomx dak li jara u jifli kollox. Huwa waħdu dak li jista' jħariskom bin-nhar u bil-lejl. Huwa raqad darba biss fuq is-salib, iżda issa li kien imqajjem minn din ir-raqda, ma jorqod qatt iżjed. Araw li ssiru bħal Israel, għaliex l-għassies ta' Israel la jorqod qatt iktar u ma jieħdu qatt in-ngħas. (Salm 121 (120) 4) Iva, ħuti, jekk irridu li aħna niġu mħarsa taħt ġwenħajh, naraw illi nkunu Israel."

Country Cottage
Lo Pino
Style

Ghaxaq By-Pass
Ghaxaq
Tel: 663231
Contact Antida or Charles

Dealers in:
* Fire Places in Working Condition
* Antique Stripped Pine
* Reproduction of Loose Furniture in Pine and Oak
* All Types of Staircases

Gifts such as:
Antique Ornaments, Copper & Pottery Ware, Dried Flowers, Frames, Rugs, Porcelain, etc.